Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1339/2001

tat-28 ta' Ġunju tas-sena 2001

li jestendi l-effetti tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001, li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni ta' l-euro mill-iffalsifikar għal dawk l-Istati Membri li m'adottawx il-euro bħala l-munita unika tagħhom

(ĠU L 181, 4.7.2001, p. 11)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 45/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008	L 17	4	22.1.2009

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1339/2001

tat-28 ta' Ġunju tas-sena 2001

li jestendi l-effetti tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001, li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni ta' l-euro mill-iffalsifikar għal dawk l-Istati Membri li m'adottawx il-euro bħala l-munita unika tagħhom

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 miġjub fih,

Wara li kkunsidra il-proposti mressqa mill-Kummissjoni ([1]), u

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]);

Billi:

(1) Fil-proċess ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001 ([3]), il-Kunsill iddeċieda li l-Artikoli 1 sa 11 tiegħu għandhom jkollhom effett f'dawk l-Istati Membri li adottaw il-euro bħala l-munita unika tagħhom.

(2) Iżda, huwa importanti li l-euro għandu jkollu l-istess livell ta' protezzjoni f'dawk l-Istati Membri li m'adottawx, u li l-prekawzjonijiet neċessarji għandhom jittieħdu għal dak l-għan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

▼M1

Artikolu 1

L-applikazzjoni tal-Artikoli 1 sa 11 tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001 kif ġie emendat mir-Regolament (KE) Nru 44/2009 ([4]) hija b'dan estiża għall-Istati Membri li m'adottawx l-euro bħala l-munita unika tagħhom.

▼B

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2002. Iżda, għandu jidħol fis-seħħ mid-data tal-publikazzjoni tiegħu, għal karti tal-flus u muniti li għadhom ma nħarġux iżda li hemm il-ħsieb li jinħarġu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU C 337 E, tat-28.11.2000, p. 264.
([2]) Opinjoni mogħtija fit-3 ta' Mejju tas-sena 2001 (għadha mhix ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).
([3]) Ara paġna 6 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([4]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar (ĠU L 17, 22.1.2009, p. 1).